MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali – REĠJUN NOFSINHAR

**Laqgħa Straordinarja Numru 44 – 3 Kumitat**

**Insaħħu il-ħidma ta' twettiq tal-funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali u dawk Lokali**

**Il-Ġimgħa 22 ta' Jannar, 2021**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar uża żewġ modi għal din il-laqgħa li saret fil-5.00 pm – b'mod formali fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 395, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, kif ukoll b'mod virtwali.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV:

| | |
|---|---|
| President tar-Reġjun | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |

PREŻENTI ONLAJN:

| | |
|---|---|
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Santa Luċija | Charmaine St John |

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Ħaż-Żebbuġ | Dr Malcolm Paul Galea |
| Sindku Mqabba | Is-Sur Omar Farrugia |
| Viċi Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Siġġiewi | Is-Sur Dominic Grech |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President  is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 44.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

44.1.1 Il-President ippreżenta apoloġija mis-Sindku ta' Santa Luċija fejn tat ir-raġuni għaliex ma setgħetx tattendi u talbet li tiġi skużata.

44.1.2 Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 44.2 Introduzzjoni mill-President;

44.2.1 Il-President ressaq iċ-Ċirkulari Numru SPI/SCI/9/2020 u l-Appendiċi magħha li ġew iċċirkolati  minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija. Hu semma' kif l-isfidi fil-qadi tal-funzjonijiet dejjem qed jiżdiedu u l-istess l-aspettattivi tal-pubbliku. Fiż-żminijiet tal-lum hemm bżonn li l-Kunsilli Lokali jkunu proattivi, professjonali, innovattivi u kapaċi jadottaw il-bidliet li qed iseħħu kontinwament fl-ambejnt tal-ħidma tagħhom. Meta jingħataw għajnuniet finanzjarji mill-Kunsill Reġjonali lill-Kunsilli Lokali f'inizjattivi diversi kienet tintlaqa' tajjeb. Imma fil-Kunsilli Lokali ħadd mhu espert f'kollox u xorta jibqa' l-fatt li numru ta' servizzi jingħataw b'mod limitat jew b'mod dilettantesk. Fiż-żminijiet tal-lum il-pubbliku jistenna prodott jew servizz professjonali u ta' livell għoli għax inkella jikkritikak, u hekk għandu jkun. Hawn għandu jidħol il-Kunsill Reġjonali, għax il-Kunsilli lokali ma jifilħux iħallsu għal piż finanzjarju ta' persuni esperti biex jagħtu konsulenzi professjonali u jassistuhom fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom. Fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill Reġjonali minflok ma jgħaddi għajnuna finanzjarja lill-Kunsilli Lokali għandu jipprovdi servizzi ta' għajnuna u assistenza professjonali lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu għax din hi aktar bżonnjuża.

44.2.2 Is-Sur Johan Mula qal li llum hemm bżonn li l-Kunsill Reġjonali jibda jħares lejn din id-direzzjoni jekk irridu nimxu 'l quddiem. Fl-opinjoni tiegħu, l-aktar ħaġa importanti hi li r-Reġjun jagħżel nies li jkunu verament kapaċi jgħinu lill-Kunsilli Lokali fl-oqsma li hemm imniżżlin fl-appendiċi. Hu saħaq li l-għażla finali ta' dawn il-persuni għandha taqa' f'idejn il-Membri tal-Kunsill Reġjonali u mhux tad-DLG.

44.2.3 Il-President wieġeb li fiċ-Ċirkulari hemm indikat b'mod ċar li r-Reġjun hu responsabbli għall-ħruġ tas-sejħa u l-proċess tal-għażla. L-unika kundizzjoni li hemm hi li persuna mill-bord tal-għażla għandha tkun uffiċjal maħtur mid-DLG.

44.2.4 Dr Marija Sara Vella qalet li s-sitt uffiċjal professjonali li hemm indikat fl-appendiċi huma kollha ta' importanza u utli għall-Kunsilli Lokali.

44.2.5 Il-President qabel ma' Dr Vella u żied jgħid li l-importanti hu li l-Kunsilli Lokali kollha jitolbu s-servizzi tagħhom ħalli fir-Reġjun il-kwalità tal-prodott u l-livell tas-servizz tal-Kunsilli Lokali narawh jitjieb u r-residenti jkunu moqdijin aħjar. Inutli jkollna dawn l-uffiċjali ingaġġati mar-Reġjun u ma jintalabx is-servizz tagħhom. Hu ġab l-eżempju permezz ta' attivitajiet kulturali u qal li f'kull lokalità jsiru diversi attivitajiet kulturali. Semma' kif numru ta' attivitajiet spiċċaw tilfu l-popolarità għax il-pubbliku xeba' jara dejjem l-istess affarijiet. In-nies iridu jaraw l-innovità u l-professjonalità. L-uffiċjal professjonali tal-kultura jista' jgħin biex attivitajiet bħal dawn jerġgħu jingħataw il-ħajja. Barra minn hekk, jista' jikkoordina jgħaqqad numru ta' attivitajiet f'lokalitajiet tar-Reġjun f'attività waħda.

44.2.6 Is-Sur Christian Sammut qabel mal-President u qal li fil-Ħamrun isiru ħafna attivitajiet kulturali u uffiċjal tal-kultura żgur se jkun utli, kif ukoll l-uffiċjali l-oħra li hemm proposti.

44.2.7 Is-Sa Maria Magri qalet li hi wkoll taqbel mal-President u mal-Membri l-oħra.

44.2.8 Is-Sur David Michael Schembri qal li dawn l-uffiċjali li hemm indikati fl-appendiċi kollha huma utli imma hu jaħseb li hemm bżonn ta' żewġ uffiċjali oħra ma' dawk biex jagħtu servizz lill-Kunsilli Lokali. Hu semma' li l-Kunsilli Lokali għandhom bżonn konsulent legali u

uffiċjal għall-protezzjoni tad-data għax kull Kunsill qed joħroġ ħafna flus għal dawn is-servizzi. Hu talab l-għajnuna tar-Reġjun biex jara jistax isir xi ħaġa fuq bażi Reġjonali.

44.2.9 Il-President qal li mhux vallapena li r-Reġjun jimpjega uffiċjal full-time biex jagħti dan is-servizz lill-Kunsilli Lokali. Però, hu jaqbel mija fil-mija ma' dak li qal is-Sur Schembri u jista' jiġi kkunsidrai il-fatt li, bħal ma sar fil-każ tal-perit, tinħareġ sejħa pubblika għall-provvediment ta' servizzi legali u sejħa oħra għal servizzi ta' protezzjoni tad-data għar-Reġjun kollu.

44.2.10 Il-Membri kollha qablu ma' din il-proposta u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex jara liema hu l-aħjar mod ta' kif tista' tinħareġ is-sejħa ħalli din terġa' tiġi diskussa fil-laqgħat li jmiss.

44.2.11 Il-President qal li l-akbar sfida li għandu r-Reġjun hi l-ħlas tas-salarju għal dawn is-sitt uffiċjali. Hu ressaq l-estimi li għamel ir-Reġjun u semma' li biex jakkomoda lil dawn l-uffiċjali, l-istaff se jkun qed jiżdied minn ħamsa għal ħdax-il persuna full-time. Din se tinvolvi proġett strutturali li se jkun jinvolvi espansjoni tal-uffiċini u spazju fejn isiru l-laqgħat. Biex isir dan, it-Tribunal Lokali se jkollu bżonn jiġi trasferit għal post alternattiv biex jagħmel l-ispazju għall-qadi ta' dawn il-funzjonijiet il-ġodda. Barra minn dan, l-ispejjeż amministrattivi u dawk tal-utilitajiet se tkun qed tirdoppja. Se jkun hemm bżonn ukoll li jixtraw laptops, skrivaniji u faċilitajiet oħra għal dawn l-uffiċjali. Meta wieħed jikkonsidra din l-ispiża flimkien mas-salarju ta' dawn l-uffiċjali jsib li r-Reġjun mhux se jkun jista' jasal bl-allokazzjoni finanzjarja tiegħu biss. Jekk mhux se jkollu għajnuna oħra mill-Ministeru jista' biss iħallas salarju fi skala disgħa lil dawn l-uffiċjali l-ġodda.

44.2.12 Dr Marija Sara Vella qalet li taqbel li jiġu ngaġġati s-sitt uffiċjali kollha li hemm indikati imma b'salarju fi skala disgħa. Hi talbet li tiġi skużata għax kellha impenn ieħor u ħarġet mil-laqgħa fil-5.50 pm.

44.2.13 Is-Sur Darren Abela qal li jaqbel mal-Membri kollha u wera apprezzament lejn din l-inizjattiva li żgur se tkun ta' benefiċċju għall-Kunsilli Lokali. Hu rringrazzja lill-President u lis-Segretarju Eżekuttiv tal-impenn tagħhom.

44.2.14 Is-Sur Johan mula qal li l-aktar ħaġa importanti għar-Reġjun hi li jattira l-aħjar nies.Jekk dawn l-uffiċjali se jkunu professjonali u esperti ma tistax tħallashom salarju baxx. Min-naħa l-oħra, jrid ikollna garanzija li se jkollna finanzi biżżejjed biex jiġi amministrat ir-Reġjun u jitħallsu s-salarji tal-istaff inkluż dawn l-uffiċjali. Għalhekk, fil-preżent jaqbel li dawn liġu ngaġġati b'salarju fi skala disgħa.

44.2.15 Il-President talab direzzjoni rigward il-finanzi mis-Segretarju Eżekuttiv.

44.2.16 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kull Kunsill hu obbligat li jagħmel Pjan ta' Ħidma mfassal fuq ħames snin skont id-dħul u l-ħruġ li għandu ppjanat. La m'hemmx indikazzjoni li l-għajnuna finanzjarja għal dawn l-uffiċjali se terġa' tingħata fis-snin li ġejjin, hu ma setgħax jinkludiha. Hu semma li għas-sentejn li ġejjin se jkollhom jiġu vvutati flus għall-espansjoni tal-uffiċċju amministrattiv u din se tkun spiża sostanzjali. Meta kellu diskussjoni mal-accountant dwar l-ispejjeż amministrattivi wara li jiġu ngaġġati dawn il-persuni, kien infurmat li hu diffiċli tikkwantifika ż-żieda fl-ispiża kemm se tkun imma żgur li se tkun qed tiżdied b'mod sostanzjali. Għalhekk meta jiġu kkalkulati l-ispejjeż kollha mhux se jkun possibbli li jingħata salarju fi skala sebgħa lis-sitt uffiċjali jekk mhux se jkollna għajnuna finanzjarja.

44.2.17 Il-President qal li kieku jkollna garanzija li l-għajnuna finanzjara li hemm indikat fiċ-Ċirkulari tibqa' ġejja kull sena tkun tajba biex dawn l-uffiċjali jiġu ngaġġati f'salarju sebgħa għax b'hekk inkunu qed inħajru lil dawk li huma esperti u kwalifikati fil-qasam biex japplikaw. Imma issa rridu nikkunsidraw ir-riżorsi li għandna f'idejna biex tittieħed deċiżjoni. Hu jipproponi li jiġu ngaġġati s-sitt uffiċjali kollha b'salarju fi skala disgħa nieqes l-aħħar notch. Huma jitilgħu fil-massimu tas-salarju wara sena probation. Il-pożizzjoni fis-sejħa toħroġ b'kuntratt definit ta' tliet snin li jistgħu jiġu mġedda.

44.2.18 Il-Membri preżenti unanimament qablu mal-proposta tal-President.

## 44.3 Tmiem tal-Laqgħa;

44.3.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.04 pm.

Konfermati llum _____________________.

Jesmond Aquilina
President

Philip Carabott
Segretarju Eżekuttiv